**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2024/0176(BUD)**

25.7.2024

# EMENDI
# 1 - 144

**Abbozz ta' opinjoni**
**Daniel Buda**
(PE761.232v01-00)

Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025 – it-taqsimiet kollha
(2024/0176(BUD))

AM_Com_NonLegBudDec

**Emenda 1**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob ***żieda fil-baġit*** meta ***dak li jkun iqis*** l-isfidi li l-bdiewa se ***jkollhom quddiemhom*** fl-2025; | 1. Jieħu nota ***tat-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob ***implimentazzjoni strateġika*** meta ***jitqiesu*** l-isfidi li l-bdiewa se ***jiffaċċjaw*** fl-2025; |

Or. en

**Emenda 2**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak*** li ***jkun iqis l-isfidi li l-bdiewa*** se ***jkollhom quddiemhom*** fl-2025; | 1. Jieħu nota ***tat-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu l-isfidi*** li ***s-settur agrikolu u l-komunitajiet rurali tagħna*** se ***jiffaċċjaw*** fl-2025; |

Or. en

**Emenda 3**
**Raffaele Stancanelli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun | 1. Jieħu nota ***li hemm biss EUR*** 53,75 |

| | |
|---|---|
| f'impenji u ***l-EUR*** 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak*** li ***jkun iqis l-isfidi*** li ***l-bdiewa se jkollhom quddiemhom fl-2025***; | biljun f'impenji u ***EUR*** 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu l-isfidi*** li ***l-bdiewa se jiffaċċjaw fl-2025 u l-wegħdiet*** li ***saru mill-Kummissjoni wara l-movimenti ta' protesta, li issa trid tonora bis-sħiħ***; |

Or. en

**Emenda 4**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u ***l-EUR*** 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak*** li ***jkun iqis l-isfidi*** li ***l-bdiewa se jkollhom quddiemhom fl-2025***; | 1. Jieħu nota ***li hemm biss EUR*** 53,75 biljun f'impenji u ***EUR*** 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu l-isfidi*** li ***l-bdiewa se jiffaċċjaw fl-2025 u l-wegħdiet*** li ***saru mill-Kummissjoni wara l-movimenti ta' protesta, li issa trid tonora bis-sħiħ***; |

Or. en

**Emenda 5**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota tat-EUR 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak li jkun iqis*** l-isfidi li l-bdiewa se ***jkollhom quddiemhom*** fl- | 1. Jieħu nota tat-EUR 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu*** l-isfidi li l-bdiewa se ***jiffaċċjaw*** fl-2025***, bħall-impatt*** |

| | |
|---|---|
| 2025; | ***tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi mingħajr klawżoli mera, il-prezzijiet tal-input dejjem jogħlew, it-temp avvers estrem, kif ukoll il-ħsara frekwenti kkawżata mill-mard tal-annimali***; |

Or. en

**Emenda 6**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak*** li ***jkun iqis l-isfidi*** li ***l-bdiewa se jkollhom quddiemhom fl-2025***; | 1. Jieħu nota ***tat-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu l-isfidi li l-bdiewa se jiffaċċjaw fl-2025,*** li ***hija ġustifikata peress*** li ***huma atturi kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***; |

Or. en

**Emenda 7**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak*** li ***jkun iqis l-isfidi*** li ***l-bdiewa*** se ***jkollhom quddiemhom*** fl-2025; | 1. Jieħu nota ***tat-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqies*** li ***r-reżiljenza fit-tul tal-biedja ġiet imminata minn pressjoni inflazzjonarja kumulattiva meqjusa*** li ***hija ta' aktar minn 30 % fl-inputs agrikoli mill-2019 'il hawn, xprunata mill-kriżi tal-enerġija, mill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***gwerra fl-Ukrajna u min-nuqqas ta' ħaddiema, sitwazzjoni li*** se ***tkompli għaddejja*** fl-2025; |

Or. en

**Emenda 8**
**Maria Grapini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak li jkun iqis*** l-isfidi li l-bdiewa se ***jkollhom quddiemhom*** fl-2025; | 1. Jieħu nota ***tat-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu*** l-isfidi li l-bdiewa se ***jiffaċċjaw*** fl-2025***, wara l-kawżi suċċessivi tal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra fl-Ukrajna u l-inflazzjoni, li magħhom żdiedu l-kalamitajiet naturali ta' din is-sena***; |

Or. en

**Emenda 9**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jieħu nota ***tal-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***bit-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***dak li jkun iqis l-isfidi*** li l-bdiewa se ***jkollhom quddiemhom*** fl-2025; | 1. Jieħu nota ***tat-EUR*** 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih ***tat-tnaqqis*** meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta ***jitqiesu l-isfidi klimatiċi, ambjentali u politiċi*** li l-bdiewa se ***jiffaċċjaw*** fl-2025; |

Or. en

**Emenda 10**
**Jessika Van Leeuwen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar fl-objettivi skont l-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu ż-żieda fil-produttività agrikola permezz tal-promozzjoni tal-progress tekniku, l-iżgurar ta' livell ta' għajxien raġonevoli għall-bdiewa, u l-garanzija tas-sigurtà tal-ikel;*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Jessika Van Leeuwen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Iqis li huwa xieraq li l-objettivi msemmija hawn fuq tal-liġi primarja tal-UE jidhru b'mod espliċitu u prominenti fl-introduzzjoni għall-"Intestatura 3" fl-"Introduzzjoni Ġenerali" tal-baġit 2025;*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Jessika Van Leeuwen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jinnota li l-infiq taħt il-Politika Agrikola Komuni jaqbeż b'mod sinifikanti l-miri tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità u jitlob li dan is-surplus jintuża biex jiġu allokati fondi li jikkontribwixxu b'mod dirett għall-objettivi primarji tal-Politika Agrikola Komuni;*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali ***fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel*** u ***fil-konservazzjoni*** taż-żoni rurali; | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali ***fil-forniment ta' ikel ekonomikament aċċessibbli ta' kwalità għolja*** u ***fil-ġestjoni*** taż-żoni rurali ***li jipprovdu servizzi ewlenin tal-ekosistema bħall-ilma nadif, l-arja nadifa u s-servizzi ta' mitigazzjoni tal-klima***; |

Or. en

**Emenda 14**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali ***u jintlaqtu severament mill-ġrajjiet ta' temp estrem li*** |

| | |
|---|---|
| | ***qed jintensifikaw***; |

Or. en

**Emenda 15**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità***, fis-sigurtà*** u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; |

Or. en

**Emenda 16**
**Raffaele Stancanelli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u ***fis-sigurtà u*** fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; |

Or. en

**Emenda 17**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet |

| | |
|---|---|
| rurali huma atturi krucjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; | rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali***, speċjalment l-attraenza ekonomika tagħhom, kif ukoll fl-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu***; |

Or. en

**Emenda 18**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità ***u*** fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità***,*** fl-aċċessibbiltà ekonomika ***u fis-sikurezza*** tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali***, kif ukoll għandhom rwol strateġiku fiż-żoni kkaratterizzati minn riskju sismiku u idroġeoloġiku għoli li jeħtieġu appoġġ speċjali mill-PAK***; |

Or. en

**Emenda 19**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; | 2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali; ***jenfasizza kemm hi importanti t-trasformazzjoni diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali biex jista' jkun hemm sistemi agrikoli aktar preċiżi, effiċjenti u sostenibbli fl-Unjoni bi*** |

| | |
|---|---|
| | ***prestazzjoni ambjentali ogħla, kif ukoll biex tiżdied l-attraenza tal-impjiegi fl-agrikoltura u fil-komunitajiet rurali għall-ġenerazzjonijiet iżgħar;*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza r-rwol li għandha l-agrikoltura biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir sostenibbli, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tgħin fid-diversifikazzjoni tal-produzzjoni agrikola, fil-preservazzjoni tal-bijodiversità u fl-iżvilupp tal-ekonomiji lokali;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza li n-nies li jgħixu fiż-żoni rurali, inklużi l-bdiewa, għandhom sfidi partikolari għas-saħħa mentali assoċjati mar-riskju ta' skonnessjoni u n-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali, meta jitqies li r-rati ta' suwiċidju fost il-bdiewa huma 20 % ogħla mill-medja nazzjonali f'xi Stati Membri; għalhekk jitlob li l-appoġġ għas-saħħa*** |

***mentali għall-bdiewa jiġi integrat b'mod speċifiku fil-politiki agrikoli tal-UE permezz tal-għoti ta' finanzjament fit-tul;***

Or. en

**Emenda 22**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni***, b'mod partikolari tal-prezzijiet tal-ikel,*** jew id-disturbi fis-suq; |

Or. en

**Emenda 23**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq ***u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġġustaw il-finanzjament tagħhom skont il-każ***; |

Or. en

**Emenda 24**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; ***jiddispjaċih li xi wħud minn dawn id-disturbi kienu kkawżati mid-deċiżjonijiet tal-UE stess, li ppermettew li l-prodotti Ukreni jidħlu fis-suq tagħha mingħajr tħassib dwar il-kwoti jew il-kompetizzjoni inġusta***; |

Or. en

**Emenda 25**
**Raffaele Stancanelli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; ***jiddispjaċih li xi wħud minn dawn id-disturbi kienu kkawżati mid-deċiżjonijiet tal-UE stess, li ppermettew li l-prodotti Ukreni jidħlu fis-suq tagħha mingħajr tħassib dwar il-kwoti jew il-kompetizzjoni inġusta;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; ***ifakkar li l-appoġġ li għaddej bħalissa għall-Ukrajna huwa kruċjali meta tkun qed tiġi żgurata s-sigurtà globali tal-ikel;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; ***jistma li r-relazzjonijiet kummerċjali attwali mal-Ukrajna huma żbilanċjati u jheddu l-kompetittività tal-azjendi agrikoli Ewropej; ifakkar fl-adozzjoni reċenti tar-Regolament dwar Miżuri Kummerċjali Awtonomi (ATM) mal-Ukrajna li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Ġunju 2024 u jilqa' l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' miżuri ta' salvagwardja għal komoditajiet bħaz-zokkor, il-bajd, il-ħafur u l-ħbub imfesdqa misħuqa; ifakkar li l-Kummissjoni hija intitolata li tistabbilixxi miżuri biex tindirizza d-disturbi fis-suq intern f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar l-ATM; jistieden lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni tadotta miżuri konkreti biex tindirizza dawk id-disturbi fis-suq, speċjalment għall-qamħ;*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; ***jiddispjaċih madankollu li d-dipendenzi mill-inputs importati tħallew jakkumulaw bħala riżultat tal-globalizzazzjoni tal-katina alimentari għall-kuntrarju tal-prijoritizzazzjoni tas-sovranità tal-ikel tal-UE u dik nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; ***jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' strumenti addizzjonali ffinanzjati aħjar għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġestjoni tal-kriżijiet;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq; | 3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, ***speċjalment fuq il-bdiewa fl-Istati Membri li jmissu mal-Ukrajna,*** bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq ***u d-diffikultajiet biex jiġu monetizzati l-prodotti agroalimentari***; |

Or. en

**Emenda 31**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni***, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa***; | 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni; |

Or. en

**Emenda 32**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; | 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; ***jenfasizza f'dan ir-rigward il-fatt li l-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-2027 diġà huwa aktar baxx milli fil-perjodu ta' ppjanar preċedenti; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP għandha tindirizza dawn in-nuqqasijiet kollha;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; | 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa ***minħabba l-akkumulazzjoni tar-restrizzjonijiet u l-obbligi fuq il-bdiewa tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 34**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; | 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu ***b'60 % mis-sena 2000 'il hawn*** f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 35**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; | 4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni***, u jiddispjaċih li l-istess deflatur ma ġiex applikat mill-Kummissjoni għall-allokazzjonijiet baġitarji tal-Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Perifериċità u l-Insularità (POSEI)***; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa; ***jistieden lill-Kummissjoni tapplika d-deflatur ta' 2 % għall-pakketti finanzjarji tal-POSEI;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. ***Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK*** fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob ***żieda fil-baġit*** tal-PAK ***fil-QFP li jmiss*** biex ***jiġu żgurati s-sigurtà*** tal-ikel ***u*** introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. ***Jieħu nota tat-tnaqqis li sar fil-fondi ġestiti direttament fil-PAK*** fir-reviżjoni tal-QFP***, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri tas-suq u r-riżerva agrikola,*** u jitlob ***baġit*** tal-PAK ***li jkun xieraq*** biex ***jiġi żgurat il-kontribut tiegħu għas-sigurtà*** tal-ikel***, għal*** introjtu ġust għall-bdiewa ***kif ukoll għall-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 37**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit ***tal-PAK fir-reviżjoni*** tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis ***ta' EUR 440 miljun għat-tliet snin li ġejjin*** fil-baġit ***tal-FAEG fir-rieżami ta' nofs it-terminu*** tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 38**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati ***s-sigurtà*** tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda ***sostanzjali*** fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex ***jiġi jaqbel mal-baġit tal-PAK tas-sena 2000 f'termini reali biex*** jiġu |

| | |
|---|---|
| | żgurati ***l-produzzjoni*** tal-ikel ***li tkun adegwata, fit-tul u ambjentalment sostenibbli*** u introjtu ġust għall-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 39**
**Sebastian Everding**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex ***jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel*** u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex ***jinżammu l-ambizzjoni u l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt*** u ***l-Istrateġija għall-Bijodiversità, speċjalment fir-rigward tal-miżuri ambjentali u l-benesseri tal-annimali u biex jiġi żgurat*** introjtu ġust għall-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 40**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa***, kif ġie mwiegħed wara l-protesti***; |

Or. en

**Emenda 41**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; ***jiddispjaċih b'mod partikolari tat-tnaqqis għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli peress li dan il-programm iżid is-sensibilizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni kif ukoll tal-kompetittività u l-konsum tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Daniel Buda, Herbert Dorfmann**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP***; jitlob li kwalunkwe disponibbiltà identifikata taħt is-sottolimitu tal-FAEG fiż-żmien tal-Ittra Emendatorja tintuża biex ittaffi tali tnaqqis billi ssaħħaħ l-elementi li kellhom jitnaqqsu jew jiġu ristretti severament, b'mod partikolari l-programmi "multipli" l-promozzjoni*** u ***l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tal-PAK;*** jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 43**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP***, jissuġġerixxi li kwalunkwe disponibbiltà identifikati taħt is-sottolimitu tal-FAEG fiż-żmien tal-Ittra Emendatorja tista' tintuża biex ittaffi tali tnaqqis billi ssaħħaħ l-elementi li kellhom jitnaqqsu jew jitnaqqsu severament, b'mod partikolari l-programmi "multipli" ta' promozzjoni*** u ***l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tal-PAK;*** jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà ***u l-istabbiltà*** tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 44**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; ***jiddeplora wkoll it-tnaqqis reċenti fil-baġit annwali għall-promozzjoni destinat għall-programmi "multipli" u l-inizjattivi proprji tal-Kummissjoni peress li dan il-programm jiffaċilita b'mod ċar l-aċċess tal-produtturi Ewropej għas-swieq ta' pajjiżi terzi, speċjalment għall-prodotti ta' kwalità għolja u ta' valur għoli bħall-prodotti b'denominazzjoni ta' oriġini*** |

***protetta (DOP) u l-prodotti b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP);***

Or. en

**Emenda 45**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP***, f'mod partikolari t-tnaqqis bin-nofs fil-programmi dedikati għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli tal-UE,*** u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; ***dan huwa marbut mal-interess dejjem jikber fil-programmi ta' promozzjoni fl-2024, li ra żieda fis-sottomissjonijiet ta' proġetti;*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Maria Grapini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa ***u biex tiżdied il-fiduċja taż-żgħażagħ biex jaqbdu l-professjoni tal-biedja***; |

Or. en

**Emenda 47**
**Michal Wiezik, Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa; | 5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel***, it-trasformazzjoni sostenibbli*** u introjtu ġust għall-bdiewa; |

Or. en

**Emenda 48**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob li jinżamm baġit ta' politika ta' promozzjoni inklużiv u b'saħħtu ta' mill-inqas EUR 185,9 miljun biex jiġi żgurat li l-politika tkompli tappoġġja s-setturi agrikoli kollha b'mod proporzjonat, tiggarantixxi l-kompetittività tal-agrikoltura u s-sovranità tal-ikel tagħna u tippermetti l-ħolqien ta' swieq internazzjonali ġodda għall-prodotti agrikoli Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a. Ifakkar li f'dak il-kuntest il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur trid tittejjeb peress li strutturalment jinsabu f'pożizzjoni dgħajfa; jissottolinja li t-titjib tal-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur huwa kundizzjoni essenzjali biex jiżdied l-introjtu tal-bdiewa u biex jiġu megħjuna jiffaċċjaw il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-mitigazzjoni tiegħu u l-adattament għalih;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Giusi Princi, Marco Falcone**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a. Jixtieq li jiġu allokati aktar riżorsi għall-promozzjoni tal-prodotti agroalimentari Ewropej u tal-inizjattivi għall-edukazzjoni dwar l-ikel, b'referenza speċjali għall-programmi mmirati lejn iż-żgħażagħ biex jikkunsmaw aktar frott u ħaxix;*** |

Or. en

**Emenda 51**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***2025 għandu jkun allinjat mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni li hi ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Ftehim ta' Kunming-Montreal, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija għall-Bijodiversità;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Stresses the need to ensure consistency between climate and biodiversity funding and calls on the Commission to publish the amounts and shares of expenditure that will contribute to both targets per programme when presenting the draft budget; ifakkar li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huwa integrat fl-attivitajiet kollha tal-Unjoni permezz tal-implimentazzjoni baġitarja kif miftiehem fil-FII u jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat ir-rispett ta' dak il-prinċipju fil-baġit kollu kemm hu fis-sitt dimensjonijiet kollha tiegħu u li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa jekk u meta jkun meħtieġ u mingħajr dewmien żejjed;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jieħu nota li l-Kummissjoni tistma li l-infiq fuq il-bijodiversità għandu jilħaq l-EUR 14,830-il miljun fl-2025, li jirrappreżentaw sehem ta' 8,49 % fil-baġit tal-UE; jinsab imħasseb, barra minn hekk, li l-Kummissjoni tammetti li l-mira ta' 10 % fl-2026 u l-2027 mhux se tintlaħaq u ma rnexxilhiex tipprovdi mezzi kredibbli biex il-mira tintlaħaq; jenfasizza li d-distakk fil-finanzjament tal-bijodiversità għall-perjodu 2021-2030 huwa ta' madwar EUR 18,69-il biljun fis-sena u għandu jiġi rimedjat kemm jista' jkun malajr;*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jinnota li wieħed mill-objettivi tal-PAK huwa li ssaħħaħ u tappoġġja l-protezzjoni ambjentali, inkluża l-bijodiversità; jenfasizza li, minħabba l-piż tagħha fil-baġit tal-UE, il-PAK għandha tkun kontributur ewlieni għall-mira ta' nfiq ta' 10 % għall-bijodiversità; jinnota li l-koeffiċjent għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-PAK għall-bijodiversità ġie rivedut 'l isfel għal 3 % meta mqabbel mal-4 % preċedenti wara l-aħħar reviżjoni tal-PAK, filwaqt li ġie ammess li l-bidliet li saru se jkollhom impatt ambjentali negattiv; jiddispjaċih ħafna li, għalkemm il-Kummissjoni tammetti li l-mira ta' 10 % fl-2026 u l-2027 wisq probabbli li mhux se tintlaħaq, xorta pproponiet bidliet fil-PAK li qed inaqqsu l-kontribut*** |

***tagħha għal dik il-mira, jiġifieri billi jdgħajfu il-KAAT 8 u b'hekk jiġi awtorizzat l-użu tal-pestiċidi fuq żoni b'fokus ekoloġiku, li potenzjalment iwassal għal bijodiversità mfaqqra fuq madwar 2,2 miljun ettaru ta' art agrikola; jissottolinja, barra minn hekk, li jridu jsiru aktar sforzi fir-rigward tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK biex jiġi żgurat li l-miri tal-infiq għall-bijodiversità stabbiliti għas-snin 2026 u 2027 jintlaħqu, b'mod partikolari billi l-Istati Membri jintegraw fl-ekoskemi tagħhom il-prattiki koperti mill-KAAT 1, 6, 7 u 8;***

Or. en

**Emenda 55**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5e. Jieħu nota tal-estimi tal-Kummissjoni bbażati fuq il-metodoloġija ex ante li l-finanzjament totali għall-klima fil-baġit tal-UE se jilħaq it-EUR 58,134 miljun, li jirrappreżentaw sehem ta' 31,9 %; jitlob lill-Kummissjoni timplimenta mingħajr dewmien metodoloġija msaħħa, aktar granulari u trasparenti għat-traċċar tal-klima li tirrifletti r-realtà tal-miżuri u filwaqt li tqis ir-rapporti ripetuti mill-Qorti tal-Awdituri; jiddubita bil-kbir li l-bidliet reċenti fir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, b'mod partikolari għall-KAAT 1, 6 u 7 (fir-rigward tal-bwar permanenti, il-kopertura tal-ħamrija u n-newba tal-għelejjel rispettivament) mhu se jkollhom l-ebda impatt fuq il-kontribut tal-PAK għall-azzjoni klimatika; jiddispjaċih li bħalissa mhuwiex ċar kif dawn il-bidliet se jiġu*** |

| | |
|---|---|
| | ***kkumpensati jew sostitwiti b'xi mod ieħor fi ħdan il-miri attwali tan-nefqa għall-klima; jiddispjaċih, barra minn hekk, li l-attribuzzjonijiet għall-"mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih" tnaqqsu meta mqabbla mal-2024;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Sebastian Everding**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jilqa'*** l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK ***u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju***; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex ***jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE***; | 6. ***Jiddeplora*** l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex ***jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini impenjati għall-politiki dwar il-klima u l-benesseri tal-annimali***; |

Or. en

**Emenda 57**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jilqa'*** l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK ***u jinnota li*** ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri ***u riżorsi*** addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; | 6. ***Jinnota li*** l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE***, b'mod partikolari miżuri ta' prevenzjoni marbuta ma' avvenimenti ta' temp estrem***; |

Or. en

**Emenda 58**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex ***jiġu indirizzati l-kawżi*** tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; | 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex ***tiġi indirizzata tweġiba ċara għall-kawżi*** tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; |

Or. en

**Emenda 59**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; | 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob ***il-prosekuzzjoni ta' dan il-pakkett sa tmiem dan il-perjodu ta' programmazzjoni u*** miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE ***b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur agroalimentari***; |

Or. en

**Emenda 60**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; | 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; ***jenfasizza li dawn il-miżuri ta' simplifikazzjoni jridu jkunu l-punt tat-tluq għar-riforma li jmiss tal-PAK;*** jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; |

Or. en

**Emenda 61**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; | 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE***, inkluż finanzjament speċifiku biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jimmaniġġjaw l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura***; |

Or. en

**Emenda 62**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob | 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob |

| | |
|---|---|
| ***miżuri*** u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati ***l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE***; | ***reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali inġusti biex jiġi żgurat li l-bdiewa jirċievu s-sehem ġust tagħhom tal-prezz finali mħallas mill-konsumatur għall-ikel*** u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati ***l-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima li l-bdiewa qed jintalbu jwettqu***; |

Or. en

**Emenda 63**
**Paulo Do Nascimento Cabral**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; | 6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE; ***jenfasizza li l-ġestjoni u d-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma huma fundamentali għall-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota li l-implimentazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli tal-miżuri l-ġodda meħtieġa marbuta mal-bijodiversità u l-azzjoni klimatika kienet is-sors ta' inċertezza u xettiċiżmu għall-bdiewa tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***UE; jinsisti fuq l-importanza ta' servizzi ta' konsulenza ffinanzjati kif xieraq fi ħdan il-PAK, speċifikament dwar dawn il-kwistjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Gabriel Mato**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jitlob li ż-żieda fl-ammont allokat għall-fondi POSEI tkopri ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni u l-inflazzjoni ta' dawn l-aħħar ftit snin, u b'hekk tiġi sostnuta l-vijabbiltà tal-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jitlob li, bħala parti mit-tħejjija tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr tan-natura; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, abbażi ta' din il-valutazzjoni, tipproponi l-istabbiliment ta' fond permanenti u ddedikat għar-restawr;*** |

Or. en

**Emenda 67**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ ***u li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-art u għall-kreditu***; |

Or. en

**Emenda 68**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ***; jilqa' f'dan ir-rigward il-fatt li fir-riforma tal-PAK li jmiss il-Kummissjoni tat prijorità liż-żieda fl-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ peress li l-kisba tal-aċċess għall-art hija waħda mill-akbar ostakli għaż-żgħażagħ li jippruvaw jidħlu fis-settur agrikolu***; |

Or. en

**Emenda 69**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; ***jissottolinja li dawk il-miżuri ta' simplifikazzjoni jridu jkunu l-punt tat-tluq għar-riforma tal-PAK li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. ***Jissottolinja li l-bdiewa żgħażagħ huma meqjusa bħala l-forza ewlenija li tixpruna l-biedja sostenibbli;*** Jitlob ***għalhekk*** li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ***, inklużi n-nisa u li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-art u għall-kreditu; ifakkar f'kemm hu importanti li l-bdiewa żgħażagħ jingħataw aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità;*** |

Or. en

**Emenda 71**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ***, speċjalment rigward l-aċċess għall-art u għall-kreditu; jenfasizza kemm hu*** |

| | |
|---|---|
| | ***importanti li l-biedja ssir professjoni aktar attraenti billi jittejbu l-mekkaniżmi li jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażagħ permezz ta' skemi ta' taħriġ u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jżidu l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ fil-baġit tas-sena d-dieħla;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ ***u jitlob investimenti fil-bidla ġenerazzjonali u involviment akbar tan-nisa permezz ta' programmi ta' finanzjament immirati***; |

Or. en

**Emenda 73**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ ***u dawk ġodda***; |

Or. en

**Emenda 74**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ ***u li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-art u għall-kreditu u li jitnaqqsu l-miżuri burokratiċi biex dak li jkun jaċċessa fondi tal-UE sabiex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 75**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; ***jinnota madankollu li l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ ma jistgħux jissostitwixxu riforma reali fis-swieq agrikoli li tkun tiżgura li l-bdiewa kollha jiġu remunerati mill-post tas-suq għal xogħolhom;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Giusi Princi, Marco Falcone**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ; | 7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ u b'mod partikolari, l-intraprendituri nisa; |

Or. en

**Emenda 77**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jinnota li l-approprjazzjonijiet għall-appoġġ akkoppjat għall-introjtu żdiedu b'mod sinifikanti; jinsisti li huma biss il-produzzjonijiet li mhumiex ta' ħsara għall-klima u l-bijodiversità li għandhom ikunu eliġibbli; jenfasizza l-importanza li l-aċċess ta' dawn il-fondi jiġi riżervat għall-benefiċjarji li l-prattiki tagħhom ikunu sostenibbli u kompatibbli mal-benesseri tal-annimali; jitlob b'insistenza b'mod partikolari li l-barrin imrobbija għal attivitajiet letali ta' sarar mat-toru u ż-żoni tat-tismin isiru, b'mod ċar, mhux eliġibbli għal dawn il-fondi jew għal kwalunkwe fond ieħor tal-UE; jenfasizza wkoll li d-differenza kbira fl-appoġġ akkoppjat għall-introjtu minn Stat Membru għal ieħor tista' toħloq kwistjonijiet ta' kompetizzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 78**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Ifakkar li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jirrappreżentaw sfida ewlenija għall-bdiewa Ewropej peress li jistgħu jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta ma' produtturi ta' pajjiżi terzi li ma*** |

| | |
|---|---|
| | ***jissodisfawx l-istess standards ta' produzzjoni bħal dawk applikati fl-UE; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-produtturi Ewropej u dawk ta' pajjiżi terzi;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Ifakkar fl-importanza tal-finanzjament tal-FAEŻR fiż-żoni rurali, mhux biss għall-bdiewa, iżda għal atturi rurali oħra li jappoġġjaw lill-bdiewa; ifakkar li baġit b'saħħtu għal dawn l-azzjonijiet huwa meħtieġ ukoll fl-2025;*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola*** biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***tagħti prijorità lis-sovranità tal-ikel tal-UE, nazzjonali u reġjonali*** biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel***, għall-kuntrarju tal-ħolqien ta' dipendenzi vulnerabbli fis-swieq dinjija u tipprovdi finanzjament suffiċjenti biex dan jinkiseb***; |

Or. en

**Emenda 81**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel ***u s-sovranità tal-ikel***; |

Or. en

**Emenda 82**
**Raffaele Stancanelli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel ***u s-sovranità tal-ikel***; |

Or. en

**Emenda 83**
**Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Giusi Princi, Marco Falcone**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà ***u l-awtonomija*** tal-ikel; |

Or. en

**Emenda 84**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel ***u tippermetti l-użu tal-marġnijiet għall-finanzjament tar-riżerva agrikola; jenfasizza l-fatt li r-riżerva ġiet attivata b'suċċess f'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar sentejn biex tgħin lill-bdiewa madwar l-UE; jinsisti fuq ir-rwol tal-Parlament fl-użu tar-riżerva u jistieden lill-Kummissjoni ssegwi kriterji oġġettivi u trasparenti fl-allokazzjoni tal-fondi***; |

Or. en

**Emenda 85**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel ***u l-kwalità tal-ikel***; |

Or. en

**Emenda 86**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament ***suffiċjenti*** għar-riżerva agrikola biex ***tissalvagwardja*** s-sigurtà tal-ikel; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament ***adegwat*** għar-riżerva agrikola biex ***jittaffew l-impatti mwiegħra dejjem akbar tat-tibdil fil-klima fl-art agrikola Ewropea u l-ħtieġa sussegwenti li tiġi ssalvagwardjata*** s-sigurtà tal-ikel; |

Or. en

**Emenda 87**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel; | 8. ***Jinnota bi tħassib it-tnaqqis ta' 12,9 % tar-riżerva agrikola;*** jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel***, filwaqt li tiżgura li l-pagamenti diretti ma jiġux affettwati u, fejn xieraq, tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati fondi barra mill-PAK***; |

Or. en

**Emenda 88**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipprovdi*** finanzjament suffiċjenti għar- | 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***talloka*** finanzjament suffiċjenti ***u solidu*** għar- |

| | |
|---|---|
| riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel***;*** | riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel ***u fil-futur il-finanzjament tar-riżerva għall-kriżijiet għandu jiġi minn barra l-baġit tal-PAK;*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza kemm huma importanti l-istrutturi tal-ġestjoni tal-ilma u l-użu tagħhom mill-bdiewa biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-ilma; jissottolinja li l-aċċess għall-fondi tal-UE għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-ilma jibqa' diffiċli għalkemm dawn jistgħu jgħinu lill-bdiewa jkollhom aċċess għall-ilma fil-perjodi xotti u jżidu l-produttività u r-rendimenti; jenfasizza li dawn l-infrastrutturi huma "bi skop multiplu" u huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-bdiewa iżda jwettqu wkoll funzjonijiet oħra bħar-riżervi tal-ilma fil-ġlieda kontra n-nirien fis-selvaġġ, it-turiżmu, il-ġibjuni tal-bijodiversità jew il-ġibjuni tal-ilma tax-xorb, speċjalment għall-agglomerazzjonijiet kbar; jitlob li jitneħħew l-ostakli legali u amministrattivi Ewropej u nazzjonali li jipprevjenu l-aċċess għall-fondi pubbliċi għall-kostruzzjoni ta' dawn l-infrastrutturi, b'mod partikolari dawk tal-PAK; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati għall-iżvilupp ta' tali infrastruttura fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 90**
**Jessika Van Leeuwen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jitlob l-inklużjoni ta' dispożizzjoni finanzjarja fil-baġit tiegħu biex tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-bdiewa Ewropej biex ikun hemm kumpens għat-telf mistenni tal-kompetittività li jirriżulta mill-implimentazzjoni futura potenzjali tal-ftehim kummerċjali mal-pajjiżi tal-Mercosur;*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Giusi Princi, Marco Falcone**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Sebastian Everding**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa*** ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK ***fost*** l-Istati Membri, ***inklużi l-pagamenti diretti***; | 9. ***Jenfasizza l-ħtieġa*** ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK ***bejn*** l-Istati Membri ***kif ukoll bejn l-azjendi agrikoli żgħar***, ***medji u kbar***; |

Or. en

**Emenda 93**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri***, inklużi l-pagamenti diretti***; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 94**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri***, inklużi l-pagamenti diretti***; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 95**
**Stefano Bonaccini, Dario Nardella**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta'*** distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti | 9. ***Jenfasizza l-progress lejn*** distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti |

| | |
|---|---|
| diretti; | diretti; ***madankollu, jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu kif xieraq il-livelli differenti tal-ispejjeż tal-produzzjoni u tax-xogħol fl-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 96**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti***, meta jitqiesu d-differenzi fil-produzzjoni u fl-għoli tal-ħajja fi Stati Membri differenti***; |

Or. en

**Emenda 97**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata biex ikun hemm konverġenza ekwa;*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Maria Grapini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti ***sabiex tiżdied il-koeżjoni soċjali fis-suq intern***; |

Or. en

**Emenda 99**
**Michal Wiezik**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK ***fost*** l-Istati Membri***, inklużi l-pagamenti diretti***; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK***, inkluż fi ħdan*** l-Istati Membri ***jew grupp ta' territorji u inkluża żieda gradwali fl-allokazzjoni lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru bl-għan li jitnaqqas id-distakk lejn il-medja tal-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 100**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***ta' distribuzzjoni*** ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***li jitlesta għalkollox il-proċess kemm tal-konverġenza interna kif ukoll tal-konverġenza esterna biex tiġi żgurata d-*** |

***distribuzzjoni*** ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti;

Or. en

**Emenda 101**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; | 9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost ***u fi ħdan*** l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti; |

Or. en

**Emenda 102**
**Valérie Deloge, Gilles Pennelle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jiddeplora l-burokrazija eċċessiva tal-PAK u l-applikazzjoni diffiċli ta' xi regoli dwar il-kundizzjonalità b'riperkussjonijiet inevitabbli fuq l-effikaċja tan-nefqa;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Raffaele Stancanelli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jiddeplora l-burokrazija eċċessiva tal-PAK u l-applikazzjoni diffiċli ta' xi regoli dwar il-kundizzjonalità b'riperkussjonijiet inevitabbli fuq l-effikaċja tan-nefqa;*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK biex jiġi żgurat li l-finanzjament tiegħu jitqassam b'mod ġust bejn l-intrapriżi żgħar, medji u kbar;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; ***jenfasizza li l-bdiewa jeħtieġ li jiġu involuti fir-riċerka u r-riżultati tar-riċerka għandhom jitressqu biex tittieħed azzjoni u jkunu ta'*** |

***benefiċċju għall-bdiewa;***

Or. en

**Emenda 106**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; ***jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fil-biedja ta' preċiżjoni, fil-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara u fir-robotika sabiex tiġi ottimizzata l-produttività filwaqt li jitnaqqsu l-inputs, l-ispejjeż u l-emissjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; ***jissottolinja l-ħtieġa li jsir investiment f'soluzzjonijiet tal-biedja ta' preċiżjoni bħar-robotika, sistemi intelliġenti tal-ilma jew droni li jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività u l-produttività tal-azjendi agrikoli filwaqt li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiżguraw użu aktar effettiv tal-inputs;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; ***ifakkar fis-sinifikat li jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jilħqu l-livell tal-azjendi agrikoli u jiġu tradotti f'servizzi ta' konsulenza aċċessibbli għall-azjendi agrikoli; jissottolinja r-rwol ta' sistemi ta' għarfien u innovazzjoni agrikoli aktar b'saħħithom (AKIS), kif ukoll tan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), biex jiġu inkoraġġiti proġetti ta' innovazzjoni u jinfirex l-użu tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Sebastian Everding**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol ***vitali*** tal-innovazzjoni għal agrikoltura ***aktar kompetittiva u sostenibbli***, kif ukoll l-importanza tat- | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol tal-innovazzjoni għal agrikoltura ***sostenibbli għat-tranżizzjoni tal-proteini***, kif ukoll l-importanza tat- |

| | |
|---|---|
| trasformazzjoni diġitali; | trasformazzjoni diġitali; |

Or. en

**Emenda 110**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali ***kemm għat-teknoloġija agrikola kif ukoll għat-turiżmu agrikolu***; |

Or. en

**Emenda 111**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal ***agrikoltura aktar kompetittiva*** u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal ***strateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*** u ***għall-iżvilupp ta' mudell agrikolu aktar*** sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali; |

Or. en

**Emenda 112**
**Jessika Van Leeuwen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ***ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali***; | 10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni ***u d-diġitalizzazzjoni*** għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli ***u b'mod partikolari tal-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-bijoteknoloġija fid-dawl tar-regolamenti li ġejjin dwar tekniki ġodda ta' editjar tal-ġenoma li huma kruċjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tal-użu tal-protezzjoni tal-għelejjel, u b'hekk tiġi żgurata l-pożizzjoni ewlenija tal-Ewropa fl-innovazzjoni agrikola u l-kompetittività globali fit-tul tagħha, filwaqt li jingħata kontribut għall-objettiv tal-Unjoni ta' awtonomija strateġika***, kif ***rikonoxxut fil-linji gwida politiċi ta' Ursula von der Leyen għall-Kummissjoni li jmiss***; |

Or. en

**Emenda 113**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jappella għal investimenti xierqa biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn prattiki tal-biedja aktar sostenibbli permezz tal-innovazzjoni u l-investiment, mingħajr ma titnaqqas il-produzzjoni agrikola Ewropea u filwaqt li tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li ma jissodisfawx l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***istandards tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-iskema tal-Unjoni ta’ frott, ħaxix u ħalib fl-iskejjel biex tgħin lit-tfal isegwu dieta varjata u stil ta’ ħajja b’enfasi primarja fuq in-nutrizzjoni tajba għas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jużaw bis-sħiħ l-allokazzjonijiet tagħhom taħt din l-iskema u jagħtu prijorità lill-produzzjoni sostenibbli, lokali u ta' kwalità għolja;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Maria Grapini**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jitlob żieda fil-baġit għall-investimenti fin-netwerks tad-distribuzzjoni tal-produtturi agrikoli sabiex tiġi eliminata l-ispekulazzjoni fil-prodotti agrikoli;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Sebastian Everding**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jisħaq fuq l-importanza vitali li jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti għat-tranżizzjoni tal-proteini fl-UE lejn alternattivi organiċi u sostenibbli bbażati fuq il-pjanti;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Sebastian Everding**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa***, kemm ġewwa l-UE kif ukoll globalment***. |

Or. en

**Emenda 118**
**Céline Imart**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal- | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal- |

bdiewa. | bdiewa***, li huma kruċjali għar-reżiljenza tas-settur tal-biedja***.

Or. en

**Emenda 119**
**Michal Wiezik; Elsi Katainen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa ***billi jiżdiedu r-reżiljenza tal-ilma u l-kapaċità ta' adattament u jiġu appoġġati miżuri biex tittaffa t-theddida tat-tibdil fil-klima għas-sistemi tal-biedja***. |

Or. en

**Emenda 120**
**Maria Walsh**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa ***billi jiġu stabbiliti Strateġija ta' Rispons ta' Emerġenza u Fond ta' Reazzjoni***. |

Or. en

**Emenda 121**
**Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Elisabetta Gualmini**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jinstabu soluzzjonijiet li jżommu fit-tul biex tkun tista' sseħħ it-tranżizzjoni ekoloġika u*** jiġu indirizzati ***b'mod determinat it-tibdiliet fil-klima filwaqt li jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. |

Or. en

**Emenda 122**
**Luke Ming Flanagan**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ***indirizzati aħjar l-impatt*** tal-għargħar, ***tan-nixfiet*** u ***tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà*** tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ***żviluppati u adottati strateġiji biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel li se jnaqqsu l-inċidenza*** tal-għargħar, ***in-nixfiet*** u ***n-nirien fis-selvaġġ biex tiġi żgurata s-sigurtà*** tal-ikel u ***jiġi appoġġjat*** l-introjtu tal-bdiewa. |

Or. en

**Emenda 123**
**Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello, Flavio Tosi, Caterina Chinnici, Giusi Princi, Marco Falcone**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa ***u li jiġi stabbilit fond deżinjat għall-kumpens tad-danni mill-organiżmi selvaġġi u mill-karnivori kbar***. |

Or. en

**Emenda 124**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa ***permezz ta' riżerva agrikola li tirrifletti l-ħtiġijiet tal-bdiewa biex ilaħħqu mal-avvenimenti klimatiċi avversi***. |

Or. en

**Emenda 125**
**Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa***; jitlob pjan Ewropew iffinanzjat*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'mod adegwat għall-użu, l-użu mill-ġdid u l-ħażna u l-kondiviżjoni intelliġenti tal-ilma*.** |

Or. en

**Emenda 126**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu indirizzati*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa. | 11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġi indirizzat*** aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien ***fis-selvaġġ*** fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa***; jitlob żieda fl-approprjazzjonijiet li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih***. |

Or. en

**Emenda 127**
**Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jilmenta dwar l-inkonsistenza fil-ġestjoni tal-karnivori l-kbar u l-istimulazzjoni konkomitanti tar-ragħa estensiva; ifakkar li għandu jkun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli għall-Istati Membri sabiex il-bdiewa jiġu kkumpensati b'mod adegwat għat-telf tagħhom ikkawżat mill-karnivori kbar;*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jinsisti li kwalunkwe dħul għall-baġit tal-Unjoni derivat minn kwalunkwe dħul assenjat jew ħlas lura ta' irregolaritajiet mill-agrikoltura għandu jibqa' taħt il-komponent tal-agrikoltura tal-Intestatura 3;*** |

Or. en

**Emenda 129**
**André Rodrigues**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jenfasizza kemm hi ta' importanza vitali l-iskema POSEI biex tinżamm għaddejja l-attività agrikola u għall-forniment tal-prodotti tal-ikel u tal-prodotti agrikoli fir-reġjuni ultraperiferiċi; jiddispjaċih li l-livelli ta' appoġġ offruti minn din l-iskema ma ġewx riveduti biex jipprovdulhom ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa, li huwa aggravat mill-fatt li l-approprjazzjonijiet tagħhom ma ġewx aġġustati skont l-inflazzjoni, u dan irriżulta f'telf sostanzjali f'termini reali;*** |

Or. pt

**Emenda 130**
**Carlo Fidanza, Nicola Procaccini, Bert-Jan Ruissen, Sergio Berlato, Francesco Ventola**

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jitlob lill-Kummissjoni li l-ebda fond ambjentali fil-futur m'għandu jinvolvi riżorsi finanzjarji trasferiti mill-PAK.*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Arno Bausemer**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jappella biex b'mod immedjat jitneħħew is-sanzjonijiet kollha tal-UE kontra r-Russja, peress li dawn is-sanzjonijiet jillimitaw il-produttività tal-bdiewa Ewropej.*** |

Or. de

**Emenda 132**
**André Rodrigues**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jiddispjaċih tat-tnaqqis li sar fil-programm tal-Unjoni Ewropea tal-2025 għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli, b'mod partikolari fil-programmi multipli; ifakkar kemm hi importanti l-politika ta' promozzjoni biex tiżdied il-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew, internament kif ukoll f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari billi tagħti spinta lir-rikonoxximent tal-iskemi tal-kwalità tal-UE.*** |

Or. pt

**Emenda 133**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aktar appoġġ lis-settur kooperattiv, speċjalment billi jippromwovu u jinċentivaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' kooperattivi agrikoli;*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jinnota bi tħassib li l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kulma jmur spiss qed ikunu ogħla mill-prezz tal-bejgħ;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Arno Bausemer**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jirrimarka li l-ideoloġija tal-hekk imsejjaħ Patt Ekoloġiku u l-installazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***promossa assoċjata tal-enerġija fotovoltajka u mir-riħ fuq art prezzjuża li tinħadem timblokka lil din l-art għal żmien twil u tagħmilha inutilizzabbli għall-agrikoltura. Kwalunkwe inċentiv finanzjarju għal dawn l-enerġiji rinnovabbli għandu għalhekk jinżamm f'livell minimu.*** |

Or. de

**Emenda 136**
**Arno Bausemer**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11c. Jitlob li jitwaqqfu n-negozjati ta' adeżjoni tal-UE mal-Ukrajna u t-Turkija, peress li, fil-kuntest tal-PAK, l-adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi se tirriżulta f'piż u żvantaġġ inaċċettabbli għall-agrikoltura Ewropea.*** |

Or. de

**Emenda 137**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11c. Jenfasizza li għandu jkun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod effiċjenti l-mard trażmissibbli tal-annimali bħall-influwenza avjarja jew id-deni tal-ħnieżer Afrikan;*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11d. Jitlob appoġġ addizzjonali għall-azjendi agrikoli iżgħar u ta' daqs medju, li huma aktar vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet tas-suq, għall-kriżijiet u għall-inflazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Dan-Ştefan Motreanu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11e. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw strumenti ta' garanzija tal-kreditu agrikolu biex il-bdiewa, l-assoċjazzjonijiet agrikoli u l-SMEs ikunu jistgħu jiksbu aċċess aktar faċli għal kapital operatorju sikur, konsistenti u prevedibbli;*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jenfasizza li l-aċċessibbiltà tal-ikel*** |

| | |
|---|---|
| | ***u l-introjtu tal-bdiewa għadhom ta' tħassib kbir u jistieden lill-Kummissjoni dawn tqishom fil-futur;*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffukaw fuq proġetti li jippromwovu u jtejbu s-salvagwardja tal-impjiegi eżistenti fis-settur agrikolu u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità bi drittijiet sħaħ, paga stabbli u ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll il-ġlieda effettiva u deċiżiva kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fiż-żoni rurali;*** |

Or. en

**Emenda 142**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11c. Jinnota l-ħtieġa li qed tikber ta' professjonisti żgħażagħ bi kwalifiki għolja fiż-żoni, u jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa, inklużi inċentivi finanzjarji, biex iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa jistudjaw il-professjonijiet agrikoli, kif ukoll biex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien mill-persuni akbar fl-età għall-*** |

***ġenerazzjoni aktar żagħżugħa;***

Or. en

**Emenda 143**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw riżorsi baġitarji biex ifasslu u jimplimentaw miżuri għall-ġlieda kontra d-disparitajiet bejn il-ġeneri; jinnota l-ħtieġa kruċjali li l-intraprendituri nisa fiż-żoni rurali jingħataw ambjent favorevoli, anki minn perspettiva ġuridika u politika, li jwassal għal aċċess akbar għall-informazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet, kif ukoll jiffaċilita l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji, li jwassal għall-ħolqien ta' aktar impjiegi fiż-żoni rurali;*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Martin Häusling**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 11e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11e. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-inizjattivi ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità fiż-żamma u r-restawr ta' ekonomiji rurali lokali ħajjin u li qed jirnexxu, u l-ħtieġa li jinżamm livell suffiċjenti ta' finanzjament għall-programm LEADER; jistieden lill-Istati*** |

***Membri jużaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet tal-programm LEADER;***

Or. en